MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 113/2004

Rita Saliba .

vs

Venerandu Zammit ,
Joseph Zammit;
Jane Farrugia f'isimha proprju u bħala mandatarja tal-assenti Rose Camilleri;
Victoria Zammit, u
Bernarda Vella;
Stella Borg ; u
Maria Formosa .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi l-awturi tal-kontendenti u ċioe' Antonio u Caterina konjuġi Zammit mietu fil-21 ta' Marzu, 1985 u fl-4 ta' Marzu 2003 rispettivament (Dok. A u Dok. B) ;

Illi fid-19 ta' Settembru, 1981 l-awturi tal-kontendenti u ċioe' Antonio u Caterina konjuġi Zammit għamlu testment 'unica charta' fl-atti tan-Nutar Dottor Emmanuel Cefai fejn inter alia ħallew "*b'titolu ta' legat barra minn sehemhom lit-tliet uliedhom Venerandu, Joseph u Rita mart Cirillo Saliba l-barriera ta' Qasam San Pawl, limiti Kercem, Għawdex, bid-drittijiet ta' kera jew kull titolu ieħor li għandhom fuqha bil-permessi wil-liċenzji tagħha kollha, bil-makkinarju, vetturi, u kull xorta ta' għodda, "generators" u kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam mal-istess xogħol ta' barriera w avvjament tagħha kollha ...*" - sottolinejar ta' l-istanti (Ara s-Seba' Artikolu riportat fid-Dokument immarkat bl-ittra C) ;

Illi fit-23 ta' Awissu 1983 l-istess awturi tal-kontendenti, għamlu testment ieħor quddiem in-Nutar Dottor Michael Refalo, fejn ikkonfermaw it-testment magħmul minnhom preċedentement fl-atti tan-Nutar Dr. E. Cefai datat 19 ta' Settembru, 1981 (Dok. D) :

Illi l-awtriċi tal-kontendenti, Caterina armla Zammit għamlet diversi testmenti sussegwenti għal mewt ta' żewġha Antonio, sakemm fil-21 ta' Ottubru, 1996 hija għamlet testment fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech fejn riedet u ordnat "*li l-wirt u suċċessjoni tagħha magħmul minnha flimkien ma' żewġha Anthony Zammit, fl-atti tan-Nutar Dottor Emanuel George Cefai f'Settembru tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (1981) fl-interezza tiegħu*" (Ara t-Tieni Artikolu riportat fid-Dokument immarkat bl-ittra E) ;

Illi huma Venerandu u Joseph aħwa Zammit - il-legatarji l-oħra tal-barriera ta' Qasam San Pawl, limiti Kercem Għawdex – li qegħdin ixekklu lil Rita Saliba milli tiġi immessa fil-pussess tal-legat inħolli lilha mill-ġenituri mejtin tagħha .

Illi minkejja li l-attriċi interpellati diversi drabi lill-werrieta tad-decujii Antonio u Caterina konjuġi Zammit sabiex jersqu fuq l-att relattiv sabiex hija tiġi mmessa fil-pussess ta' l-imsemmi legat imħolli lilha mill-ġenituri tagħha u dan skond ma jixhdu ż-żewġ ittri interpellatorji datati 31 ta' Mejju, 2004 u 20 ta' Lulju, 2004, kif ukoll kif tixhed l-ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju, 2004 (dok. F, Dok. G u Dok. H rispettivament) huma jew uħud minnhom baqgħu inadempjenti .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna lill-konvenuti sabiex jammettu lill-attriċi fil-pussess tal-barriera ta' Qasam San Pawl, limiti Kercem, Għawdex u dan skond id-dispożizzjonijiet testamentarji tad-decujii Antonio u Caterina konjuġi Zammit ;

2. Tiffissa data, lok u ħin u tinnomina Nutar sabiex jiġi pubblikat l-att relattiv għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-attriċi u konsegwentement tinnomina kuratur biex jidher għal eventwali kontumaċja tal-konvenuti jew min minnhom .

Bl-ispejjeż inkluż dik ta' l-ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju, 2004 kif ukoll bl-inġunzjoni tal-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni .

B'riserva għal kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti jew min minnhom minħabba, inter alia, dan id-dewmien fl-immissjoni tal-pussess ta' dan il-legat imħolli mill-ġenituri tal-kontendenti lill-attriċi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Venerandu Zammit, Joseph Zammit, Jane Farrugia f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' l-imsiefra Rose Camilleri, Victoria Zammit u Bernarda Vella li biha eċċepew illi :

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok qabel din il-kawża tissokkta ulterjorment l-attriċi trid tipprova illi hija għamlet id-denunzja tas-suċċessjoni tal-ġenituri tagħha fir-rigward tal-legat ta' din il-kawża .

2. Illi fit-tieni lok din il-kawża saret intempestivament u l-konvenuti kollha kienu għadhom u jibqgħu disposti illi jimmettu lill-attriċi fil-pussess tal-legat, għalhekk huma ma għandhomx ibatu spejjeż .

3. Illi għal kuntrarju kienet l-attriċi illi ħolqot l-inkwiet, peress illi minkejja illi il-legat rigwardanti l-barriera ta' qasam San Pawl hija mħollija lill-attriċi u lil Joseph Zammit u lil Venerandu Zammit konguntivament, l-attriċi ma kienitx disposta illi timmetti fil-pussess lil aħwa l-oħra fl-istess legat . L-attriċi nsistiet illi l-immissjoni fil-pussess issir unikament għal parti tagħha . Tant hu hekk illi l-attriċi l-anqas kienet disposta li tagħti l-kunsens tagħha sabiex il-liċenzja tal-barriera ddur fuq it-tlett legatarji, inkluża hi nnifisha .

4. Illi ma tistax l-attriċi tistultifika l-proċess bonarju li kien qed isir bejn il-partijiet sabiex kull parti tkun immessa fil-pussess tal-legati mħollija lilha u fl-istess waqt tipproponi kawżi bħala dawn .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Joseph Zammit .

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenuti, fejn wara li ppremettew :

Illi l-ġenituri tal-kontendenti u ċioe' Antonio u Caterina konjuġi Zammit mietu fil-21 ta' Marzu 1985 u fl-4 ta' Marzu 2003 rispettivament .

Illi l-imsemmi Antonio Zammit irregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' żewġt testmenti wieħed fl-atti tan-Nutar Dottor Emmanuel G. Cefai tad-19 ta'

Settembru, 1981 u l-ieħor fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo tat-23 ta' Awissu, 1983 .

Illi Caterina nee' Zammit irregolat l-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz tas-segwenti testmenti wieħed fl-atti tan-Nutar Dottor Emmanuel G. Cefai tad-19 ta' Settembru, 1981, ieħor fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo tat-23 ta' Awissu 1983, ieħor fl-atti tan-Nutar Dr. Alexander Sciberras Trigona tal-31 ta' Marzu, 1988, ieħor fl-atti tan-Nutar Dr. Paul G. Pisani tas-7 ta' Marzu 1992, u iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Paul G. Pisani tat-23 ta' Ottubru, 1992 .

Illi ai termini ta' l-imsemmija testmenti l-konvenuti Venerandu Zammit u Joseph Zammit, u l-attriċi Rita Saliba ġew imħollija b'titolu ta' prelegat barra minn sehemhom "il-barriera ta' Qasam San Pawl, limiti Kercem, Għawdex bid-drittijiet ta' kera, jew kull titolu iehor li għandhom fuqha bil-permessi u l-liċenzji tagħha kollha bil-makkinarju, vetturi u koll xorta ta' għodda generators u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' l-istess xogħol ta' barriera u avvjament tagħha kollha" .

Illi din il-barriera sa l-erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) kienet okkupata b'użufrutt minn Caterina Zammit .

Illi wara li ġiet nieqsa Katerina Zammit il-konvenuti Venerandu Zammit u Joseph Zammit talbu lill-partijiet kollha sabiex imetthuhom fil-pussess tal-legat lilhom imħolli .

Illi kienet biss l-attriċi li rrifjutat dan . L-attriċi rrifjutat ukoll illi tiffirma dawk id-dokumenti neċessarji w opportuni sabiex il-liċenzji tal-barriera imsemmijin fl-istess legat iduru fuq it-tlett legatarji .

Illi meta l-attriċi ġiet mitluba sabiex tiffirma l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legati l-oħra msemmija fit-testmenti fuq ċitati hija rrifjutat illi tagħmel dan .

Talbu lill-attriċi jew min mill-konvenuti l-oħra li ma humiex parti fl-eċċezzjonijiet jew rikonvenzjoni odjerna għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex :

1. Tikkundannahom sabiex jiffirmaw l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess li permezz tiegħu l-konvenuti Venerandu Zammit u Joseph Zammit, jiġu mmessi fil-pussess tal-legat tal-Barriera ta' Qasam San Pawl fuq imsemmija ;

2. Tikkundanna lill-attriċi sabiex tiffirma d-dokumenti kollha neċessarji w opportuni, mad-dipartimenti kollha jew awtoritajiet konċernati, sabiex il-permessi ta' l-imsemmija barriera u li huma msemmija fit-testment, iduru minn fuq il-ġenituri tagħhom, fuq it-tlett prelegatarji Joseph Zammit, Venerandu Zammit, u Rita Saliba .

3. Tikkundannhom jiffirmaw l-att opportun ta' l-immissjoni fil-pussess tal-bqija tal-legati kollha msemmija fl-imsemmija testmenti .

4. Tiffissa data ħin u lok għal pubblikazzjoni ta' l-imsemmija atti u ffirmar ta' trasferiment ta' permessi ad opera ta' nutar li jiġi nominat għal dan il-fini, bin-nomina ta' kuraturi sabiex jidhru għal l-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmija atti u trasferiment ta' permessi .

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni minn issa ta' l-attriċi u l-konvenuti l-oħra għas-subizzjoni . B'riserva għal kull azzjoni għad-danni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti relattiva għal din il-kontro-talba .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Stella Borg li eċċepiet :

1. Illi l-eċċipjenti qatt ma rrifjutat li tersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tad-diversi legati li tħallew fit-testment mill-ġenituri tagħhom billi hija kienet ukoll ser tibbenefika minnu minħabba xi legati ta' xi

porzjonijiet ta' raba li ġew lilha mħollija wkoll, u kienu wħud mill-konvenuti u senjatament Joseph u Venerandu aħwa Zammit li rrifjutaw li jersqu għall-kuntratt billi ppretendew li flimkien mal-immissjoni fil-pussess tal-barriera li ġiet imħollija bejnhom u l-attriċi huma jdaħħlu kwistjonijiet oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-talba tal-attriċi, liema kwistjonijiet jirrigwardaw il-permessi u l-liċenzji tal-operazzjoni tal-barriera u liema kwistjonijiet jikkonċernaw biss lilhom u lill-attriċi . Għaldaqstant l-eċċipjenti m'għandha tiġi tenuta tbati ebda spejjeż li daħħluha fihom dawn it-tlieta minħabba l-piki u l-kwistjonijiet diversi li hemm bejniethom u li magħhom l-eċċipjenti m'għandha x'taqsam assolutament xejn ma li dwarhom m'għandha ebda interess . Għalhekk għandhom ikunu dawn l-istess partijiet jew min minnhom jinsab responsabbli li minħabba fih jew fihom kellha ssir din il-kawża li għandhom jiġu kkundannati li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża li l-eċċipjenti kienet kostretta li tinkorri ruħha fihom kapriċċjożament ;

2. Illi l-eċċipjenti hija disposta li f'kull waqt tagħti l-kunsens tagħha sabiex l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-immobbli lilha mħollija b'legat ;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta mahlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' din il-konvenuta għall-kontro-talba tal-konvenuti l-oħra, li biha eċċepiet :

1. In linea preliminari l-improponibilita' u konsegwenti nullita' tal-azzjoni tal-konvenuti u dan sa fejn il-kontro-talba hija diretta fil-konfront tal-eċċipjenti billi tali azzjoni hija eżerċitabbli biss fil-konfront ta' min huwa attur f'kawża u mhux fil-konfront ta' konvenuti oħra fil-kawża ;

2. Illi l-eċċipjenti qatt ma rrifjutat li tersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tad-diversi legati li tħallew fit-testment mill-ġenituri tagħhom billi hija kienet

ukoll ser tibbenifika minnu minħabba xi legati ta' xi porzjonijiet ta' raba li ġew lilha mħollija wkoll, u kienu wħud mill-konvenuti u senjatament Joseph u Venerandu aħwa Zammit li rrifjutaw li jersqu għall-kuntratt billi ppretendew li flimkien mal-immissjoni fil-pussess tal-barriera li ġiet imħollija bejnhom u l-attriċi huma jdaħħlu kwistjonijiet oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-talba tal-attriċi, liema kwistjonijiet jirrigwardaw il-permessi u l-liċenzji tal-operazzjoni tal-barriera u liema kwistjonijiet jikkonċernaw biss lilhom u lill-attriċi . Għaldaqstant l-eċċipjenti m'għandha tiġi tenuta tbati ebda spejjeż li daħħluha fihom dawn it-tlieta minħabba l-piki u l-kwistjonijiet diversi li hemm bejniethom u li magħhom l-eċċipjenti m'għandha x'taqsam assolutament xejn u li dwarhom m'għandha ebda interess . Għalhekk għandhom ikunu dawn l-istess partijiet jew min minnhom jinsab responsabbli li minħabba fih jew fihom kellha ssir din il-kawża li għandhom jiġu kkundannati li jħallsu l-ispejjeż ta' din il-kontro-talba li l-eċċipjenti kienet kostretta li tinkorri ruħha fihom kapriċċjożament ;

3. Illi l-eċċipjenti hija disposta li f'kull waqt tagħti l-kunsens tagħha sabiex l-attriċi u l-konvenuti jiġu mmessi fil-pussess tal-immobbli lilhom mħollija b'legat ;

4. Illi a rigward il-permessi u l-liċenzji tal-operazzjoni tal-barriera, l-eċċipjenti m'ghandha u ma baqgħalha ebda interess billi din hija kwistjoni li tikkonċerna biss u unikament lill-konvenuti Joseph u Venerandu aħwa Zammit u lill-attriċi Rita Saliba li lilhom ġew imħollija fit-testment . Għal kull buon fini pero' l-eċċipjenti tiddikjara li hija lesta li fejn u jekk hemm bżonn u bħala werrieta tal-ġenituri tagħha li f'isimhom il-permessi u l-liċenzji kienu ntestati sa ma mietu, hija tippresta l-kunsens tagħha għat-trasferiment ta' tali permessi u liċenzji, liema kunsens l-eċċipjenti wriethom disposta li tagħtih sa mill-bidu nett .

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għall-kontro-talba li biha eċċepiet :

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-kontro-talba u dan peress illi din ma hijiex issir mill-konvenuti kollha li kontrihom saret il-kawża . Għalhekk fi kwalunkwe każ, kull deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti qatt ma tista' tigi infurzata u dan peress illi ma hemmx il-partijiet kollha involuti . Il-konvenuti ma jistgħux jinqdew bil-proċedura tal-kontro-talba u jitolbu lill-Qorti tikkundanna terzi li ma humiex konvenuti f'dik in-nota ta' l-eċċezzjonijiet . Dan qiegħed jingħad l-għaliex il-konvenuti l-oħra li ġew notifikati bil-kontro-talba ma jistgħux jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u allura l-Qorti qatt ma tista tikkundannahom . Għalhekk kull deċiżjoni li tista' tagħti din il-Qorti fir-rigward tal-kontro-talba qatt ma tista' torbot **<u>lill-partijiet kollha</u>** u konsegwentement kull deċiżjoni tkun monka. Għalhekk qegħda tingħata l-eċċezzjoni tan-nullita' .

2. Illi wkoll preliminarjament, it-tielet talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenuti hija improponibbli peress illi tmur lil hinn mill-mertu taċ-ċitazzjoni odjerna . Oltre dan, kif diġa' ingħad hawn fuq, il-Qorti hija mitluba tikkundanna nies li ma humiex parti fil-kontro-talba ;

3. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenuti għandhom jippruvaw li huma ddenunzjaw s-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom fir-rigward tal-legat mertu ta' din il-kontro-talba;

4. Illi fil-mertu hija gidba sfaċċata li l-konvenuti jgħidu illi l-attiċi ma ridietx timmitti lill-konvenuti Venerandu u Joseph aħwa Zammit fil-pussess tal-prelegat imħolli lilhom mill-ġenituri tagħhom . Illi għal kull buon fini pero', l-attriċi taqbel, kif dejjem qablet, illi l-konvenuti Venerandu u Joseph aħwa Zammit jiġu mmessi fil-pussess fir-rigward ta' din il-barriera u qatt ma ċaħdithom minn dan il-fatt . Huma l-konvenuti Venerandu u Joseph

aħwa Zammit li ma riedux jiffirmaw il-kuntratt relattiv u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attriċi annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet debitament maħlufa minnha .

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Frar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita' tal-kontro-talba .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari l-attriċi qed tgħid illi l-kontro-talba ta' uħud mill-konvenuti hija nulla għax inkorretta proċeduralment billi ma ġietx indirizzata lilha biss bħala attriċi, imma saret ukoll kontra l-konvenuti l-oħra . Hija ssostni illi l-azzjoni ta' rikonvenzjoni hija eżerċitabbli biss fil-konfront ta' min huwa attur f'kawża u mhux ukoll fil-konfront ta' konvenuti oħra fl-istess kawża, u dan skond l-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12) li jagħmilha ċara illi "*fil-kawża l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur*" .

Ġie spjegat f'dan ir-rigward fid-dottrina legali illi : "*Con la domanda riconvenzionale il convenuto nel processo di cui e' parte esercita una autonoma azione contro l'attore . In particolare il convenuto, in questo caso, non si limita a difendersi, ma chiede a sua volta la condanna dell'attore*." [1]

[1] Diritto Processuale Civile: Edizione Giuridiche Simone XI Ed. - 2000 pag. 54 (sottolinear tal-Qorti) .

Hekk ukoll : "*quando il reo convenuto in giudizio conviene l'attore per l'istessa causa, ed anche per un'altra diversa si dice di averlo riconvenuto; e quella domanda, che il reo fa* <u>*contro l'attore*</u> *che lo ha convenuto, chiamasi riconvenzione*." [2]

Similment il-**Mortara** jiddefinixxi r-rikonvenjoni bħala: "*Quella istanza che il convenuto propone* <u>*contro l'attore*</u>*, in occasione del giudizio da costui promosso, per ottenere la condanna del medesimo ad una prestazione che il convenuto intende di esigere a titolo di contro-pretesa*." [3]

Huwa minnu illi kif jirrilevaw il-konvenuti Venerandu Zammit u ħutu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, huma ppremettew il-kontro-talba tagħhom bil-kliem : "*jipprevalixxu rwieħhom minn din l-azzjoni odjerna sabiex jiċċitaw lill-attriċi in via rikonvenzjonali*", imma mbagħad ipproċedew xorta waħda biex jindirizzaw it-talbiet tagħhom mhux biss kontra l-attriċi, imma wkoll kontra l-konvenuti l-oħra "*li ma humiex parti fl-eċċezzjonijiet jew rikonvenzjoni odjerna*" . Infatti l-konvenuta Stella Borg tant ħasset illi din il-kontro-talba kienet indirizzata lilha wkoll, illi kontra kull regola proċedurali ntavolat bħall-attriċi, nota ta' l-eċċezzjonijiet hija wkoll għal din il-kontro-talba tal-konvenuti l-oħra !

F'tali ċirkostanzi fejn, anke kieku din l-eċċezzjoni ma tqajjmitx mill-attriċi, kien ikun dmir tal-Qorti li "*tissollevaha ex officio billi tirrigwarda materja ta' proċedura u ordni pubbliku*", [4] il-Qorti ma tarax kif tista' tammetti bħala valida din il-kontro-talba .

Għaldaqstant tiddeċidi billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita' tal-kontro-talba magħmula mill-attriċi, tiddikjara l-kontro-talba tal-konvenuti Venerandu Zammit u ħutu nulla, bl-ispejjeż tagħha kontra l-istess

[2] Trattato delle Procedure Civili nel Foro di Malta dell'Avvocato Antonio Micallef : 1839 pag. 219 (sottolinear tal-Qorti) .

[3] Manuale della Procedura Civile , 5 ta ed. vol. I n. 194 (sottolinear tal-Qorti) .

[4] Giorgina xebba Vella vs Emanuel Caruana .

konvenuti li ntavolawha, u tħalli l-kawża propria għall-kontinwazzjoni .

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------